

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1428**tal-24 ta' Awwissu 2022****li jistabbilixxi metodi għall-kampjunar u għall-analiżi għall-kontroll tas-sustanzi perfluoroalkiliċi f'ċerti oġġetti tal-ikel****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-ġhalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 34(6) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 ⁽²⁾ jistabbilixxi l-livelli massimi għas-sustanzi perfluoroalkiliċi (PFASs) f'ċerti oġġetti tal-ikel u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2022/1431 ⁽³⁾ telenka l-livelli indikattivi li lil hinn minnhom il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Istati Membri jinvestigaw il-kawżi tal-kontaminazzjoni bil-PFASs fl-oġġetti tal-ikel b'konċentrazzjonijiet għoljin tal-PFASs. Sabiex jiġu żgurati l-affidabbiltà u l-konsistenza tal-kontrolli uffiċjali fuq il-livelli massimi għall-PFASs f'ċerti oġġetti ikel, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti dettaljati għall-metodi użati għall-kampjunar u għall-analiżijiet fil-laboratorju.
- (2) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Ġhalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet u l-abbrevjazzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

- (1) "lott" tfisser kwantità identifikabbli ta' ikel fornita f'waqt wieħed u ddeterminata mill-uffiċċjal kompetenti li għandha karatteristiċi komuni, bħalma huma l-oriġini, il-varjetà, l-ispeċi, iż-żona tal-qbid, it-tip ta' ppakkjar, il-pakkjatur, il-konsenjatur jew l-immarkar;
- (2) "sublott" tfisser parti fiżikament separata u identifikabbli ta' lott kbir, magħżula biex jiġi applikat il-metodu tal-kampjunar;
- (3) "kampjun inkrementali" tfisser kwantità ta' materjal meħud minn post wieħed fil-lott jew fis-sublott;
- (4) "kampjun aggregat" tfisser it-total kombinat tal-kampjuni inkrementali kollha meħuda mil-lott jew mis-sublott;
- (5) "kampjun tal-laboratorju" tfisser parti jew kwantità rappreżentattiva tal-kampjun aggregat maħsub għal-laboratorju;
- (6) "daqqs jew piż komparabbli" tfisser differenza fid-daqqs jew fil-piż li ma taqbiżx il-50 %;

⁽¹⁾ ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

⁽³⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1431 tal-24 ta' Awwissu 2022 dwar is-sorveljanza ta' sustanzi perfluoroalkilati fl-ikel (ara paġna 105 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

- (7) "preċiżjoni" tfisser il-viċinanza tal-qbil bejn ir-riżultati tat-testijiet indipendenti akkwistati f'kundizzjonijiet stipulati. Il-preċiżjoni hija espressa bħala d-devjazzjoni standard jew il-koeffiċjent tal-varjazzjoni tar-riżultati tat-test;
- (8) "riproduċibbiltà intralaboratorju jew preċiżjoni intermedja (RSD_R)" tfisser il-preċiżjoni f'sett ta' kundizzjonijiet fi ħdan il-laboratorju fl-laboratorju speċifiku;
- (9) "limitu tal-kwantifikazzjoni ("LOQ")" tfisser il-kontenut l-aktar baxx tal-analita li jista' jitkejjel b'ċertezza statistika raġonevoli, jiġifieri l-inqas konċentrazzjoni jew massa tal-analita li ġiet ivalidata bi preċiżjoni aċċettabbli bl-applikazzjoni tal-metodu analitiku sħiħ u tal-kriterji ta' identifikazzjoni kolha;
- (10) "inċertezza tal-kejl standard kombinata ("u") tfisser parametru mhux negattiv assoċjat mar-riżultat tal-kejl, li jikkarakterizza d-dispersjoni tal-valuri li jistgħu jiġu attribwiti b'mod raġonevoli għall-mikjel, abbażi tal-informazzjoni użata; Tinkiseb bl-użu tal-inċertezzi tal-kejl standard individwali assoċjati mal-kwantitajiet tal-input f'mudell tal-kejl;
- (11) "inċertezza tal-kejl estiża ("U")" tfisser il-valur li jinkiseb bl-użu ta' fattur ta' kopertura ta' 2 li jagħti livell ta' fiduċja ta' madwar 95 % ($U = 2u$);
- (12) "eżattezza" tfisser kemm ikun qrib il-qbil bejn il-valur medju miksub minn serje kbira ta' riżultati tat-test u l-valur ta' referenza aċċettat; Dan il-valur jista' jiġi stmat minn analiżi regolari ta' materjali ta' referenza ċċertifikati, esperimenti ta' fortifikazzjoni jew parteċipazzjoni fi studji interlaboratorji u huwa espress bħala bias apparenti.

Artikolu 2

It-thejjja tal-kampjuni u l-analiżijiet għall-verifika uffiċjali tal-livelli tal-PFASs fl-oġġetti tal-ikel li għalihom ġew stabbiliti livelli massimi bir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 għandhom jitwettqu f'konformità mal-metodi stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Awwissu 2022.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

PARTI A

METODI TA' KAMPJUNAR**A.1. DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI****A.1.1. Il-Materjal li minnu għandu jittieħed kampjun**

Kull lott jew sublott, li għandu jiġi eżaminat, għandu jittieħed kampjun minnu separatament.

A.1.2. Kampjuni inkrementali

Safejn hu possibbli l-kampjuni inkrementali għandhom jittieħdu f'postijiet differenti mifruxa madwar il-lott jew is-sublott kollu. Kull devjazzjoni minn din il-proċedura għandha tiġi rreġistrata fir-reġistru previst taħt il-punt A.1.6.

A.1.3. It-tnejn tal-kampjun aggregat

Il-kampjun aggregat għandu jkun magħmul billi jingħaqdu flimkien il-kampjuni inkrementali. Dan għandu jkun mill-inqas 1 kg jew 1 litru ħliet meta dan ma jkunx prattiku, eż. meta jittieħed kampjun minn pakkett wieħed jew meta l-prodott ikollu valur kummerċjali għoli ħafna.

A.1.4. Il-kampjuni replikati

F'każ li jittieħdu l-kampjuni replikati għal finijiet ta' infurzar, ta' difiża u ta' referenza, dawk il-kampjuni replikati għandhom jittieħdu mill-kampjun aggregat omoġenizzat, ħliet jekk it-tali proċedura tmur kontra r-regoli ta' Stat Membru fir-rigward tad-drittijiet tal-operatur tan-negozju tal-ikel.

A.1.5. Prekawzjonijiet

Waqt il-proċess tal-kampjunar u t-tnejn tal-kampjuni, għandhom jittieħdu l-prekawzjonijiet biex jiġi evitat kull tibdil li jaffettwa l-kontenut tal-PFASs, li jaffettwa b'mod negattiv id-determinazzjoni analitika, jew li jwassal biex il-kampjuni aggregati ma jkunux rappreżentattivi.

Il-persuna responsabbli mill-kampjunar għandha tieħu l-prekawzjonijiet li ġejjin:

- (a) tilbix ilbies jew ingwanti li fihom inforri tal-fluworopolimeri jew li huma ttrattati bil-PFASs biex itejbu r-repellenza tal-ilma u tat-tbajja;
- (b) tużax moisturisers, kożmetiċi, krema tal-idejn, prodotti għall-protezzjoni mix-xemx u prodotti relatati li fihom il-PFASs fil-jum tal-kampjunar.

Il-materjali użati matul il-kampjunar, il-ħżin tal-kampjuni u t-trażmissjoni tal-kampjuni għandhom ikunu ħielsa mill-PFASs. Il-kampjun ma għandux jiġi f'kontatt ma' materjali bħal twavel għat-tqattigħ, kontenituri għall-kampjunar u l-kisi minn ġewwa tal-għotjien tal-kontenituri għall-kampjunar magħmula mill-politetrafluworetilen (PTFE jew Teflon), mill-fluworur tal-poliviniliden (PVDF) jew minn fluworopolimeri oħra. Għandu jiġi evitat il-kontatt ma' materjali oħra li fihom il-PFASs.

A.1.6. L-issiġillat u t-tikkettar tal-kampjuni

Kull kampjun għandu jkun issiġillat fil-post tal-kampjunar u identifikat f'konformità mar-regoli nazzjonali.

Għandu jinżamm rekord ta' kull darba li jittieħed kampjun, ħalli kull lott ikun jista' jiġi identifikat mingħajr ambigwiżità u fejn jinżammu d-data u l-post tal-kampjunar flimkien ma' kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li tista' tkun ta' għajjn għall-interpretazzjoni tar-riżultat.

A.1.7. Ippakkjar u trażmissjoni tal-kampjuni

Kull kampjun għandu jitqiegħed f'kontenitur li jkun nadif, inert, magħmul mill-polipropilen, mill-polietilen jew minn materjal ieħor ħieles mill-PFAS, u adattat biex jippreserva l-integrità tal-kampjun u joffri protezzjoni adegwata kontra l-kontaminazzjoni, it-telf tal-analiżi bl-adsorbiment mal-ħajt intern tal-kontenitur u l-ħsara waqt it-tranżitu. L-użu ta' kontenituri tal-ħġieġ mhux permess. Għandhom jittieħu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa biex tkun evitata kwalunkwe bidla fil-kompożizzjoni tal-kampjun li tista' sseħħ waqt it-trasport jew il-ħżin.

A.2. IL-PJANIJIET GĦALL-KAMPJUNAR

A.2.1. Tqassim ta' lottijiet f'sublottijiet

Il-lottijiet il-kbar għandhom jitqassmu f'sublottijiet bil-kundizzjoni li s-sublott ikun jista' jiġi separat fiżikament. Għall-prodotti li huma nnegożjati f'konsenji bl-ingrossa kbar (eż. żjut veġetali) għandha tapplika t-Tabella 1. Għall-prodotti l-oħra għandha tapplika t-Tabella 2. Jekk jitqies li l-piż tal-lott mhuwiex dejjem eżattament multiplu tal-piż tas-sublottijiet, il-piż tas-sublott jista' jaqbeż il-piż imsemmi b'massimu ta' 20 %.

Tabella 1

Suddiviżjoni tal-lottijiet f'sublottijiet għall-prodotti kkummerċjalizzati f'konsenji bl-ingrossa

Piż tal-lott (tunnellati)	Piż jew għadd ta' sublottijiet
≥ 1 500	500 tunnellata
> 300 u < 1 500	3 sublottijiet
≥ 100 u ≤ 300	100 tunnellata
< 100	—

Tabella 2

Suddiviżjoni tal-lottijiet f'sublottijiet għall-prodotti mhux ikkummerċjalizzati f'konsenji bl-ingrossa

Piż tal-lott (tunnellati)	Piż jew għadd ta' sublottijiet
≥ 15	15-30 tunnellata
< 15	—

A.2.2. Għadd ta' kampjuni inkrementali

L-għadd minimu ta' kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu mil-lott jew mis-sublott għandu jkun kif indikat fit-Tabelli 3 u 4.

Fil-każ ta' prodotti likwidi bl-ingrossa, il-lott jew is-sublott għandu jitħallat sew kemm jista' jkun u sakemm ma tiġix affettwata l-kwalità tal-prodott, immedjatament qabel it-teħid tal-kampjun permezz ta' mezzi manwali jew mekkaniċi. F'dan il-każ, wieħed għandu jassumi li t-tqassim tal-kontaminanti f'lott jew f'sublott partikolari huwa omoġenju. F'dan il-każ, l-għadd ta' kampjuni inkrementali minn lott jew sublott biex jiffirma l-kampjun aggregat għandu jkun tlieta.

Meta l-lott jew is-sublott ikun magħmul minn pakketti jew unitajiet individwali, l-għadd ta' pakketti jew unitajiet (kampjuni inkrementali) li għandu jittieħed biex jiffirma l-kampjun aggregat għandu jkun f'konformità mat-Tabella 4.

Il-kampjuni inkrementali għandhom ikunu simili fil-piż/volum. Il-piż/volum ta' kampjun inkrementali għandu jkun ta' mill-inqas 100 gramma jew 100 millilitru, li jirriżulta f'kampjun aggregat ta' mill-inqas madwar 1 kg jew 1 litru. Fejn dan ma jkunx possibbli, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' A.2.6.

Tabella 3

Għadd minimu ta' kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu mil-lott jew mis-sublott tal-ikel, jekk il-lott ma jikkonsistix f'pakketti jew f'unitajiet individwali tal-ikel

Piż jew volum tal-lott/tas-sublott (f'kilogrammi jew flitri)	Għadd minimu ta' kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu
< 50	3
≥ 50 u ≤ 500	5
> 500	10

Tabella 4

Għadd ta' pakketti jew ta' unitajiet (kampjuni inkrementali) li għandhom jittieħdu biex jiġi fformat il-kampjun aggregat jekk il-lott jew is-sublott ikun magħmul minn pakketti jew unitajiet individwali tal-ikel

Għadd ta' pakketti jew ta' unitajiet fil-lott/fis-sublott	Għadd ta' pakketti jew unitajiet li għandhom jittieħdu
≤ 25	mill-inqas pakkett wieħed jew unità waħda
26-100	madwar 5 %, mill-inqas 2 pakketti jew unitajiet
> 100	madwar 5 %, massimu ta' 10 pakketti jew unitajiet

A.2.3. Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kampjunar ta' lottijiet li jkun fihom ħut sħiħ ta' daqs jew piż kumparabbli

L-għadd ta' kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu mill-lott hu stabbilit fit-Tabella 3. Il-kampjun aggregat li jgħaqqad il-kampjuni inkrementali kollha għandu jkun ta' mill-inqas 1 kg (ara l-punt A.1.3).

F'każ li l-lott li minnu għandu jittieħed il-kampjun ikollu fih ħut żgħir (ħut individwali li jiżen < 1 kg), il-ħuta sħiħa tittieħed bħala kampjun inkrementali biex tiffurma l-kampjun aggregat. F'każ li l-kampjun aggregat li jirriżulta jkun jiżen aktar minn 3 kg, il-kampjuni inkrementali jistgħu jikkonsistu mill-partijiet tan-nofs tal-ħut, kull waħda tiżen mill-inqas 100 gramma, li jiffurma l-kampjun aggregat. Il-parti sħiħa li għaliha japplika l-livell massimu, tintuża għall-omoġenizzazzjoni tal-kampjun.

Il-parti tan-nofs tal-ħuta hija dik fejn jinsab iċ-ċentru tal-gravità. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet dan jinsab fil-pinna dorsali (f'każ li l-ħuta jkollha pinna dorsali) jew fin-nofs bejn il-fetħa tal-garġi u l-anus.

F'każ li l-lott li għandu jittieħed kampjun minnu jkollu fih ħut ikbar (ħut individwali li jiżen ≥ 1 kg), il-kampjun inkrementali jikkonsisti fil-parti tan-nofs tal-ħut. Kull kampjun inkrementali jiżen mill-inqas 100 gramma. Għal ħut ta' daqs intermedju (≥ 1 kg u < 6 kg) il-kampjun inkrementali jittieħed bħala fetta mill-ħuta maqtugħa mis-sinistra saż-żaqq fil-parti tan-nofs tal-ħuta.

Għal-ħut kbir ħafna (≥ 6 kg), il-parti inkrementali tittieħed mill-parti tal-lemin (aspett frontali) tal-laħam mill-muskolu dorso-laterali fil-parti tan-nofs tal-ħuta. Meta t-teħid ta' tali biċċa mill-parti tan-nofs tal-ħut jirriżulta fi ħsara ekonomika sinifikanti, it-teħid ta' tliet kampjuni inkrementali ta' mill-inqas 350 gramma kull wieħed jista' jitqies bħala suffiċjenti indipendentement mid-daqs tal-lott jew alternattivament tliet kampjuni inkrementali ta' mill-inqas 350 gramma kull wieħed minn parti ugwali (175 gramma) tal-laħam tal-muskoli qrib il-parti tad-denb u l-laħam tal-muskoli qrib il-parti tar-ras ta' kull ħuta jistgħu jitqiesu li huma suffiċjenti indipendentement mid-daqs tal-lott.

A.2.4. Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kampjunar minn lottijiet ta' ħut li fihom ħut sħiħ ta' daqsijiet jew piżijiet differenti

Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-punt A.2.3.

F'każ li klassi/kategorija ta' daqsijiet jew ta' piżijiet tkun predominanti (madwar 80 % jew aktar tal-lott), il-kampjun jittieħed minn ħut li għandu d-daqs jew il-piż predominanti. Dan il-kampjun għandu jitqies bħala rappreżentattiv għal-lott kollu.

F'każ li l-ebda klassi/kategorija partikolari ta' daqsijiet jew ta' piżijiet ma tkun predominanti, għandu jiġi żgurat li l-ħut magħżul għall-kampjun ikun rappreżentattiv tal-lott. Għal każijiet bħal dawn hemm gwida speċifika fil-“Guidance on sampling of whole fishes of different size and/or weight” (Gwida dwar it-teħid ta' kampjuni ta' ħut sħiħ ta' daqsijiet u/jew piżijiet differenti) ⁽¹⁾

A.2.5. Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kampjunar ta' animali terrestri

Għal-laħam u l-ġewwieni tal-animali porċini, bovini, ovini, kaprini u ekwini għandu jittieħed kampjun ta' 1 kg minn tal-inqas animal wieħed. Fejn ma jkunx possibbli li jittieħed kampjun ta' 1 kg minn tal-inqas animal wieħed, għandhom jittieħdu kwantitajiet ta' kampjuni ugwali minn aktar minn animal wieħed biex tinkiseb kwantità ta' kampjun ta' 1 kg.

(1) https://ec.europa.eu/food/system/files/2022-05/cs_contaminants_sampling_guid-samp-fishes.pdf

Għal-laħam tal-pollam għandu jittieħed kampjun ta' kwantitajiet ugwali minn tal-inqas tliet annimali sabiex jinkiseb kampjun aggregat ta' 1 kg. Għall-ġewwieni tal-pollam għandu jittieħed kampjun ta' kwantitajiet ugwali minn tal-inqas tliet annimali sabiex jinkiseb kampjun aggregat ta' 300 gramma.

Għal-laħam u l-ġewwieni ta' annimali tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet u annimali terrestri selvaġġi għandu jittieħed kampjun ta' 300 gramma minn tal-inqas annimal wieħed. Fejn ma jkunx possibbli li jittieħed kampjun ta' 300 gramma minn tal-inqas annimal wieħed, għandhom jittieħdu kwantitajiet ta' kampjuni ugwali minn aktar minn annimal wieħed biex tinkiseb kwantità ta' kampjun ta' 300 gramma.

A.2.6. **Metodi alternattivi ta' kampjunar**

Fejn ma jkunx possibbli li jitwettaq il-kampjunar f'konformità mal-metodu stabbilit fil-punt A.2 minħabba l-konsegwenzi kummerċjali mhux aċċettabbli (eżempju minħabba l-forom tal-imballaġġi, ħsara lil-lott) jew fejn huwa prattikament impossibbli, jista' jiġi applikat metodu alternattiv tal-kampjunar jekk ikun rappreżentattiv biżżejjed tal-lott jew tas-sublott fil-kampjun u jkun dokumentat bis-sħiħ. Dan għandu jiġi rreġistrat fir-reġistru previst fil-punt A.1.6.

A.2.7. **It-teħid ta' kampjuni fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut**

Meta jkun possibbli, it-teħid ta' kampjuni tal-oġġetti tal-ikel fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut għandu jsir f'konformità mad-dispożizzjonijiet għat-teħid ta' kampjuni stipulati fil-punt A.2. Meta dan ma jkunx possibbli, jista' jintuża metodu alternattiv ta' kampjunar fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut, bil-kundizzjoni li dan jiżgura rappreżentanza suffiċjenti tal-lott jew tas-sublott li minnu jittieħed il-kampjun.

PARTI B

THEJJJA U ANALIŻI TAL-KAMPJUNI

B.1. **L-istandards ta' kwalità tal-laboratorju**

Il-prinċipji kif deskritti fid-Dokument ta' Gwida tal-EURL dwar il-Parametri Analitiċi għad-Determinazzjoni tas-Sustanzi Per- u Polifluworoalkilici fl-Ikel u l-Għalf ^(?) għandhom jiġu segwiti.

B.2. **Thejjja tal-kampjun**

B.2.1. **Rekwiżiti ġenerali**

Il-ħtieġa bażika hija li jinkiseb kampjun tal-laboratorju rappreżentattiv u omoġenju mingħajr l-introduzzjoni ta' kontaminazzjoni sekondarja.

Il-kampjun aggregat sħiħ li jasal għand il-laboratorju għandu jiġi mitħun b'mod fin, fejn rilevanti, u mħallat sew bl-użu ta' proċess li ntweri li jikseb omoġenizzazzjoni sħiħa.

Għall-prodotti għajr il-ħut, il-materjal kollu tal-kampjun li jirċievi l-laboratorju, li għalih huwa applikabbli l-livell massimu, għandu jintuża għat-thejjja tal-kampjun tal-laboratorju.

Għall-ħut, il-materjal kollu tal-kampjun li jirċievi l-laboratorju, li għalih huwa applikabbli l-livell massimu, għandu jiġi omoġenizzat. Mill-kampjun aggregat omoġenizzat, għandha tintuża parti jew kwantità rappreżentattiva għall-preparazzjoni tal-kampjun tal-laboratorju.

Il-konformità mal-livelli massimi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 għandha tiġi stabbilita abbażi tal-livelli stabbiliti fil-kampjuni tal-laboratorju.

B.2.2. **Proċeduri u prekawzjonijiet speċifiċi għall-preparazzjoni tal-kampjuni**

L-analista għandu jiżgura li l-kampjuni ma jiġux ikkontaminati waqt il-preparazzjoni tal-kampjun billi jiġu segwiti l-prekawzjonijiet deskritti f'A.1.5. Barra minn hekk, kull fejn ikun possibbli, l-apparat u t-tagħmir li jiġu f'kuntatt mal-kampjun ma għandux ikun f'ihom il-PFASs u għandhom jiġu sostitwiti minn partijiet ta' eż. l-azzar inossidabbli, il-polietilen ta' densità għolja (HDPE) jew il-polipropilen. Dawn għandhom jitnaddfu b'ilma ħieles mill-PFASs jew b'solventi u deterġenti ħieles mill-PFASs.

(?) https://ec.europa.eu/food/system/files/2022-05/cs_contaminants_sampling_guid-doc-analyt-para_0.pdf

Ir-reaġenti u tagħmir ieħor użati għall-analiżi u l-kampjunar għandhom jiġu kkontrollati sabiex tiġi evitata l-possibbiltà tal-introduzzjoni jew tat-telf tal-PFASs.

Għandha ssir analiżi inbjank billi ssir il-proċedura analitika sħiħa bl-istess mod bħall-kampjun tat-test. Fit-tnejn tar-reaġent inbjank, l-ilma jista' jintuża minflok il-matriċi. Il-livelli fir-reaġent inbjank għandhom jiġu mmonitorjati f'kull sekwenza ta' kampjuni.

B.3. Metodi ta' analiżi: rekwiżiti speċifiċi tal-prestazzjoni

Il-laboratorji jistgħu jagħżlu kwalunkwe metodu ta' analiżi vvalidat għall-matriċi rispettiva sakemm il-metodu magħżul jissodisfa l-kriterji speċifiċi tal-prestazzjoni stabbiliti fit-Tabella 5.

Għandhom jintużaw metodi kompletament invalidati (jiġifieri metodi vvalidati minn prova kollaborattiva għall-matriċi rispettiva) jew, fejn dan ma jkunx possibbli, metodi oħra vvalidati (eż. metodi vvalidati internament għall-matriċi rispettiva), sakemm dawn jissodisfaw il-kriterji tal-prestazzjoni stabbiliti fit-Tabella 5.

Fejn possibbli, il-validazzjoni ta' metodi vvalidati internament għandha tinkludi l-użu ta' materjal ta' referenza ċċertifikat u/jew il-parteċipazzjoni fi studji interlaboratorji.

Tabella 5

Parametru	Kriterju
Applikabbiltà	Ikel speċifikat fir-Regolament (KE) Nru 1881/2006
Selettività	Il-metodi analitiċi għandhom juru l-kapaċità li jisseparaw b'mod affidabbli u konsistenti l-analiti ta' interess minn komposti oħra koestratti u possibbilment interferenti li jistgħu jkunu preżenti.
Riproduċibilità intralaboratorju (preċiżjoni intermedja) (RSD _R)	≤ 20 %
Eżattezza	-20 % sa +20 %
LOQ	L-LOQ għall-PFOS, il-PFOA, il-PFNA u l-PFHxS kull wieħed ≤ il-livell massimu għall-PFAS individwali rispettiv. Il-konformità ma' dan ir-rekwiżit timplika li ma għandu jiġi derivat l-ebda LOQ għall-konċentrazzjoni tas-somma ta' PFOS, PFOA, PFNA u PFHxS, li tiġi kkalkulata billi jingħaddu biss il-konċentrazzjonijiet ta' PFOS, PFOA, PFNA u PFHxS, li ġew ikkwantifikati fil-livell tal-LOQ rispettiv tagħhom jew ogħla minnu.

PARTI C

RAPPURTAR U INTERPRETAZZJONI TAR-RIŻULTATI

C.1. RAPPORTAR

C.1.1. L-espressjoni tar-riżultati

Ir-riżultati għandhom jiġu rrapportati bħal anjoni u espressi bl-istess unitajiet ta' kejl u bl-istess għadd ta' ċifri sinjifikanti bħalma huma tal-livelli massimi stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1881/2006. Għas-somma ta' PFOS, PFOA, PFNA u PFHxS, biex tiġi kkalkulata s-somma għandhom jitqiesu biss il-konċentrazzjonijiet fil-livell tal-LOQ u ogħla minnu.

C.1.2. Inċertezza tal-kejl

Ir-riżultat analitiku għandu jiġi rrapportat bħala "x ± U" fejn "x" huwa r-riżultat analitiku u "U" huwa l-inċertezza tal-kejl estiża, b'fattur ta' kopertura ta' 2 li jagħti livell ta' kunfidenza ta' bejn wieħed u ieħor 95 % (U = 2u).

Għar-rapportar tal-parametri tas-somma u t-tqabbil possibbli mal-limiti legali, għandha ssir ukoll stima tal-inċertezza tal-kejl estiża għal dawn il-parametri tas-somma. Għall-PFASs, dan huwa l-każ għas-somma ta' PFOS, PFOA, PFNA u PFHxS u għall-PFOS totali, jekk ikkalkulat bħala s-somma ta' PFOS lineari u ramifikati.

F'dawn il-każijiet, il-kalkolu tal-inċertezza tal-kejl standard kombinata "u" tal-parametru tas-somma jiġi kkalkulat bħala l-għerq kwadrat tas-somma tal-kwadri tal-inċertezzi kkombinati individwali.

L-analista għandu jieħu nota tar-"Rapport dwar ir-relazzjoni bejn ir-riżultati analitiċi, l-inċertezza tal-kejl, il-fatturi ta' rkupru u d-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-UE tal-ikel u l-għalf" ⁽³⁾.

C.2. INTERPRETAZZJONI TAR-RIŻULTATI

C.2.1. Aċċettazzjoni ta' lott jew sublott

Il-lott jew is-sublott jiġi aċċettat jekk ir-riżultat analitiku tal-kampjun tal-laboratorju ma jaqbiżx il-livell massimu rispettiv kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1881/2006, filwaqt li titqies l-inċertezza tal-kejl estiża.

C.2.2. Rifjut ta' lott jew sublott

Il-lott jew is-sublott jiġi rifjutat jekk ir-riżultat analitiku tal-kampjun tal-laboratorju jaqbeż il-livell massimu rispettiv kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1881/2006, filwaqt li titqies l-inċertezza tal-kejl estiża.

C.2.3. Applikabbiltà

Ir-regoli preżenti dwar l-interpretazzjoni tar-riżultati għandhom japplikaw għar-riżultat analitiku miksub mill-kampjun għall-infurzar. F'każ ta' analiżi għal skopijiet ta' difiża jew ta' referenza, għandhom japplikaw ir-regoli nazzjonali.

⁽³⁾ https://ec.europa.eu/food/system/files/2016-10/cs_contaminants_sampling_analysis-report_2004_en.pdf